



Dokument ta' sessjoni

B9-0359/2023

1.8.2023

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Pjan ta' Azzjoni Kardjovaskulari tal-UE

**Margarita de la Pisa Carrión, Jorge Buxadé Villalba, Mazaly Aguilar,
Hermann Tertsch, Dominik Tarczyński, Maria Angela Danzi, Aurélia
Beigneux, Guido Reil, Tomáš Zdechovský, Anna Zalewska, Maria
Veronica Rossi, Patricia Chagnon, Denis Nesci, Edina Tóth, Elżbieta Kruk**

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Pjan ta' Azzjoni Kardjovaskulari tal-UE

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Inizjattiva “Healthier Together” tal-UE dwar il-mard mhux komunikabbli (EU NCD) tal-Kummissjoni,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-“Programm l-UE għas-Saħħa”) għall-perjodu 2021-2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Istati Membri għandhom kompetenza f'dan il-qasam;
- B. billi l-mard kardjovaskulari huwa l-kawża ewlenija tal-mewt minħabba mard mhux komunikabbli (NCDs) madwar id-dinja u l-kawża ewlenija tal-mewt fl-Ewropa;
- C. billi l-inizjattiva tal-UE dwar il-mard mhux komunikabbli għadha fl-istadji emerġenti tagħha u għad trid ttiprovdi rispons koordinat effikaċi għall-mard mhux komunikabbli;
1. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-inizjattiva tal-UE dwar il-mard mhux komunikabbli mal-Istati Membri u tippreżenta pjan ta' azzjoni li jagħti prijorità lill-prevenzjoni ta' mard kardjovaskulari li jista' jiġi evitat;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-ħidma fl-inizjattiva tal-UE dwar il-mard mhux komunikabbli biex tiffaċilita l-għbir u l-użu ta' data kardjovaskulari robusta u komparabbli;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu enfasi akbar fuq it-titjib tal-litteriżmu fis-saħħa u s-sensibilizzazzjoni dwar il-mard kardjovaskulari.

¹ ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1.